MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 872/1999/2

**Costantino Gouder**

**Vs**

**Jane Caruana, Costantino Caruana, Joseph Caruana u d-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi fit-3 ta' Marzu 1981 minn relazzjoni bejn l-attur u l-konvenuta Jane Caruana, twieled, tifel Costantino Caruana kif jidher mill-anness certifikat ta' twelid li qed jigi esebit bhala Dokument A;

Premess illi fiz-zmien imsemmi l-konvenuta kienet mizzewga lil Joseph Caruana pero` kienu ilhom *de facto* separati 'l fuq minn sena;

Premess illi l-attur huwa l-missier naturali u biologiku ta' Costantino Caruana;

Premess illi inoltre l-attur irrikonoxxa lil ibnu permezz ta' att pubbliku ppubblikat fis-26 ta' Gunju 1981 fl-atti tan-Nutar Patrick Critien;

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara lill-attur bhala l-missier naturali u biologiku ta' Costantino Caruana;

2. Tordna li jizdied l-isem ta' l-attur u ssir korrezzjoni fil-kolonna "isem u kunjom u post tat-twelid tieghu" fis-sens li minflok il-kliem kontenuti fl-istess certifikat f'din il-kolonna jigi korrett u jitnizzlu "Costantino Gouder", minflok "Joseph Caruana" bhala missier u bhala post tat-twelid tigi nkluza il-kelma "Valletta" fl-att tat-twelid tieghu u dan ai termini ta' l-Artikoli 289(1) u 291(1) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Bl-ispejjez;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur, il-lista tax-xhieda minnu indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku illi fiha huwa eccepixxa:-

Illi huwa ma kienx edott mill-fatti allegati fic-citazzjoni u ghalhekk irrimetta ruhu ghall-provi dwar it-talbiet u ghall-gudizzju ta' din il- Qorti;

Illi bla pregudizzju ghas-suespost l-attu kellu jindika d-dettalji tal-korrezzjonijiet relattivi ghal missier it-tarbija li huwa qed jitlob u li jsiru fl-att tat-twelid, kif ukoll kellu jitlob

li fl-istess att tat-twelid il-klien “the said” fil-kolonna li tirreferi ghall-partikolarijiet ta’ l-omm jigu kancellati;

Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest mill-att ma kienx attribwibbli ghal zball tal-konvenut li ghalhekk ma kellux ibati spejjez;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Jane Caruana, Costantino Caruana u Joseph Caruana li fiha huma eccipew:-

1. Illi l-eccipjenti qablu illi fiz-zmein meta twieled il-konvenut Costantino Caruana, il-konvenuta Jane Caruana kienet ilha *de facto* sseparata minn zewgha Joseph Caruana;

2. Illi ghalhekk qablu illi l-attur kellu jigi ddikjarat bhala l-missier naturali u biologiku ta’ Costantino Caruana;

3. Illi ghalhekk l-eccipjenti qablu wkoll li kellhom isiru z-zidiet u korrezzjonijiet mitluba;

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess konvenuti u l-lista tax-xhieda minnhom indikati;

Rat id-digriet tad-29 ta’ Mejju 2000 li permezz tieghu giet nominata l-Assistent gudizzjarju biex tigbor il-provi;

Rat id-digriet tas-16 ta’ Settembru 1999 li permezz tieghu l-Qorti ordnat il-korrezzjoni fit-talba tac-citazzjoni odjerna;

kif ukoll dak tas-16 ta’ Mejju 2000 fejn giet ordnata il-korrezzjoni fil-kunjom tal-konvenuti Jane u Costantino fis-sens li minflok “Gouder” kellu jigi sostitwit bil-kunjom “Caruana”;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

L-istanza in ezami tikkoncerna talba ghal dikjarazzjoni gudizzjali invokata mill-attur biex din tikkonfermah bhala l-missier naturali tal-konvenut Costantino Caruana. Naturalment din it-talba dikjaratorja tieghu timplika fl-istess waqt l-kontestazzjoni tal-filjazzjoni tat-tifel bhala iben legittimu konsegwit u provat bl-att tat-twelid tieghu mnizzel fir-Registru Pubbliku. Att tat-twelid li ghandu effikacja probatorja esklusiva kif jinghand fl-Artikolu 78(1) tal-Kodici Civili. Huwa ghalhekk konsiderat bhala l-att li jistabbilixxi formalment l-istat tat-tifel u ghal finijiet ta' l-istat legittimu dan l-att tat-twelid jintegra ruhu ma' l-att taz-zwieg tal-genituri. Dan, oltre l-presunzjoni stabbilita bl-Artikolu 67 tal-Kapitolu 16 li jghid li "l-iben imnissel matul iz-zwieg jitqies li hu bin zewg ommu";

Konsimilment ghall-att tat-twelid il-pussess ta' stat jaghmel prova legali ta' l-istat ta' iben legittimu. Cionostante mentri l-att tat-twelid jikkostitwixxi semplicement prova dokumentali, il-pussess ta' stat irid jirrizulta minn "gabra ta' fatti" (Artikolu 80(1) tal-Kodici Civili) li l-interessat jehtieglu jipprova u jsostni permezz ta' l-azzjoni gudizzjarja. Dan jghodd ukoll ghal min, bhall-attur odjern, irid jikkontesta l-prova legai tal-legittimita` kostitwita bl-att tat-twelid. Is-success jiddependi minn kemm jirnexxielu jiddimostra l-appartenenza mieghu tal-persuna li lilha jqis bhala l-iben naturali tieghu;

Il-kompitu jigi rez difficli fejn il-pussess ta' stat ikun fir-realta` konformi ghall-att tat-twelid. Dan in bazi ghal dak dettat mill-Artikolu 81 tal-Kodici Civili, ghalkemm anke

hawn id-divjet ta' kontestazzjoni ma jidhirx li hu wiehed assolut, in kwantu hi ammessa l-prova kuntrarja, kif hekk precizat fl-Artikolu 83 tal-Kodici Civili;

Ghal dak li hu pussess ta' stat il-provi juru li minn twelidu l-konvenut Costantino Caruana dejjem gie mrobbi, mantenut u edukat mill-attur.  Dan hu konfermat mill-istess konvenut fl-affidavit tieghu a fol. 42. Il-Qorti lesta taccetta din il-prova mhux biss ghax ma gietx zmentita mill-prezunt missieru Joseph Caruana, li baqa' kontumaci, izda ghax fuq kollox hi offruta mit-tifel innifsu u hu proprjament dan li ghandu l-akbar interess li jaccerta ruhu li l-att tat-twelid tieghu jigi konformi ghal veru pussess ta' stat tieghu;

Fuq kollox l-attur ipprova wkoll dak li jrid l-Artikolu 77 tal-Kodici Civili fis-sens li hu wera illi fiz-zmien bejn it-tlett mitt jum u l-mija u tmenin jum qabel it-twelid ta' dan ibnu, ir-ragel ta' omm it-tifel kien fl-impossibilita` fizika li jghammar maghha minhabba li kien il-boghod minnha;

Minn dak traccjat fis-sentenza a **Vol. VIII pagna 29** dan id-dispost gie introdott fil-ligi permezz ta' l-Ordinanza Nru. 1 ta' l-1873.  Skond din is-sentenza l-ligi "*concesse diritto a chiunque vi avesse interesse per impugnare la legittimita` ...*"  (Ara wkoll **Vol. XXIV P II p 510 u Vol. XXIX P II p 605**);

Din il-lontananza ma ghandiex fil-fehma tal-Qorti tkun ristretta ghal kazijiet biss fejn ir-ragel ta' omm it-tifel ikun jghix pajjiz iehor fil-mument tat-tnissil tat-tifel jew detenut il-habs jew f'xi rikoveru.  L-"impossibilita` fizika" ghandha tirrizulta wkoll minn cirkostanzi ohra, *ad exemplum*, in-nuqqas ta' rijunjoni ta' omm it-tifel ma' zewgha, jew bhal f'dan il-kaz fejn jirrizulta illi sa minn qabel il-koncepiment l-omm bdiet tghammar regolarment ma' l-attur u kompliet hekk taghmel tant li ffurmat familja mieghu u kellha ulied ohrajn minnu;

Irrizulta, mhux kontrastat, illi fiz-zmien li l-attur iltaqa' mal-konvenuta Jane Caruana hi u zewgha kienu ghaddejjin

proceduri ta' separazzjoni. Dan kien f'Jannar 1980. Zewgha dak iz-zmien kien imsiefer fuq xoghol;

Irrizulta wkoll li f'Mejju 1980 l-konvenuta u omm it-tifel, marret tghix mieghu. F'Lulju 1981 harget tqila u fit-3 ta' Marzu 1981 twieled ibnu li hu mill-ewwel irrikonoxxa bhala tieghu (fol. 6). Matul dan iz-zmien kollu l-konvenuta ma regghetx ikkoabitat jew inghaqdet ma' zewgha. Effettivament iz-zwieg gie annullat fl-1991;

Jirizulta wkoll li mir-rapport bejn l-attur u l-konvenuta twieldu zewgt itfal ohra;

Konsiderati flimkien dawn il-provi jimmiltaw favur l-akkoljiment tat-talba attrici, anke ghaliex ir-rekwiziti li trid il-ligi jinsabu pjenament sodisfatti.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' l-Ewwel Talba u tiddikjara li l-attur huwa l-missier naturali u bijologiku ta' Costantino Caruana;

Tilqa' wkoll it-Tieni Talba u tordna l-korrezzjonijiet opportuni fl-Att tat-Twelid Numru 1384/1981 billi minnu tithassar kull referenza ghal Joseph Caruana bhala missier l-imsemmi konvenut u ghalih tissostitwixxi lill-attur bil-konnotati riferibbli ghalih u cioe` "Professjoni", 'labourer'; "Eta`", '21'; "Fejn Twieled", 'Valletta'; "Fejn joqghod", 'Valletta'. Tordna wkoll il-korrezzjoni riferibbli ghall-omm billi jinqatghu l-kliem '*the said*' mill-kliem '*Jane wife of the said Joseph Caruana*'.

L-ispejjez tal-kawza jibqghu a kariku ta' l-attur.

--------------------------------TMIEM-------------------------------